MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Numru 86/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Haber)**

**-vs-**

**Ahmad Hamdei**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ahmad Hamdei ta' nazzjonalità Sirjana, bin Hassan u Azeza, imwieled f'Homs, is-Sirja fl-1 ta' Jannar 1989, u detentur ta' passaport Sirjan bin-Numru 004989995, talli:

1. F'Settembru 2010 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Passaport Spanjol, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport li

hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra ffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmi bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta’ dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta, bi vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4. Kif ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta, naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta’ l-Imigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Imigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;
Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Mill-akkuzi migjuba kontra l-imputat johrog car li l-akkuza principali hija l-ewwel akkuza filwaqt li r-rimanenti akkuzi huma alternattivi ghaliha. Ghaldaqstant, fid-dawl ta’ dan il-fatt tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet u raba’ akkuza migjuba kontra l-imputat u fid-dawl ta’ l-ammissjoni ta’ l-istess imputat issibu hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li rregistra ammissjoni bikrija. In oltre hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li kien l-istess imputat li rraporta l-eghmil tieghu lill-Pulizija.

Ghaldaqstant wara li kkunsidrat l-Artikolu 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li ttenni li tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba’ akkuza migjuba kontra l-imputat u ttenni wkoll s-sejbien ta’ htija ta’ l-imputat ghall-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal seba’ (7) xhur prigunerija, izda peress illi fil-fehma Taghha fil-kaz in ezami jissussitu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta’ l-imsemmi terminu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija, ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissosspendi l-imsemmi terminu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija ghal perijodu ta’ sena (1) mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk matul il-perijodu operattiv jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------